Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0404(COD)

29.1.2025

EMENDI
112 - 361

Abbozz ta' rapport
Abir Al-Sahlani
(PE766.973v01-00)

L-istabbiliment ta' riżerva ta' talent tal-UE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

Emenda 112
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 79(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 113
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Adopts its position at first reading hereinafter set out***;	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni fl-ewwel qari***;

Or. en

Emenda 114
Charlie Weimers

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Adopts its position at first reading hereinafter set out***;	1. ***Jiċħad il-proposta fl-intier tagħha***;

Or. sv

Emenda 115

Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. ***Calls on the Commission to refer the matter to Parliament again if it replaces, substantially amends or intends to substantially amend its proposal***;	2. ***Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri u għalhekk, toqgħod lura milli tressaq kwalunkwe proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi bażi legali biex tħeġġeġ l-immigrazzjoni lejn l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 116
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 117

Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni ***tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u*** diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19***, min-nuqqas ta' investiment fl-Ewropa u min-nuqqas ta' kapaċità li t-talent Ewropew żagħżugħ jinżamm fl-UE minħabba salarji mhux attraenti,*** u mill-aċċellerazzjoni ***tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik*** diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi. ***Ta' min jinnota li huwa d-dmir tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet u jippromwovu politiki dwar ir-rati tat-twelid immirati biex itemmu t-tnaqqis demografiku.***

Or. fr

Emenda 118
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-***	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***okkupazzjonijiet, minħabba rati baxxi ta'***

tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.	***fertilità. In-nuqqas ta' appoġġ għall-familji, u l-kampanji ta' propaganda fl-UE kollha kontra li wieħed ikollu t-tfal abbażi ta' miti, estremiżmu ambjentali, jew teoriji ta' komplott, urew li huma ta' ħsara kbira għan-nisġa soċjali Ewropea***.

Or. en

Emenda 119
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet ***f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ***ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi***.	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet ***ta' ħaddiema f'setturi speċifiċi***. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ***jirrikjedu l-mobilizzazzjoni tal-forza tax-xogħol eżistenti tal-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prijorità, permezz ta' politiki li jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ***.

Or. el

Emenda 120
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***impjiegi***, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***okkupazzjonijiet***, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali***.*** ***Huwa evidenti li huma meħtieġa l-livelli kollha tal-ħiliet sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema***. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

Or. en

Emenda 121
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***impjiegi***, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u ***okkupazzjonijiet fil-livelli kollha tal-ħiliet***, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati

aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

Or. en

Emenda 122
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ***ekoloġiċi*** u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ***ekoloġiċi*** u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ***nodfa*** u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ***nodfa*** u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

Or. fi

Emenda 123
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-popolazzjoni tal-Unjoni hija pproġettata li tonqos b'mod sinifikanti,

minn 451 miljun fl-2022 għal 406 miljun fl-2050. L-għadd ta' persuni fl-età tax-xogħol huwa pproġettat li jonqos saħansitra aktar, minn 264 miljun għal 207 miljun; tnaqqis ta' 21 fil-mija. Sadanittant, matul dan il-perjodu l-għadd ta' anzjani (fl-età ta' 65 sena jew aktar) huwa pproġettat li jiżdied bi 32 miljun, u l-għadd ta' tfal (taħt l-eta ta' 20 sena) huwa pproġettat li jonqos b'21 miljun.

Or. en

Emenda 124
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***x'aktarx ma jkunux*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet***. ***Madankollu,*** minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***mhumiex se jkunu*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. ***Il-Kummissjoni tistma li minħabba t-tnaqqis previst fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, se jkunu meħtieġa mill-anqas 7 miljun persuna oħra fl-Ewropa sal-2030.*** Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja ***u tiżgura l-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku***

sostnut tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 125
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***x'aktarx ma jkunux*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, ***inkluż billi jsir użu aħjar mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109, mid-Direttiva 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u min-network EURES,*** kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ***tal-paga u*** l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***mhumiex se jkunu*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

Or. en

Emenda 126
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***u*** l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti ***mis-soluzzjoni*** biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib ***tal-pagi, l-iżgurar*** tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ***sikuri u ġusti u l-protezzjoni robusta kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll*** l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti ***essenzjali mill-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni*** biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

Or. en

Emenda 127
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv ***u komplementari*** fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-

kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali ***hija essenzjali*** biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u ***trid tkun*** parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet. Huwa importanti wkoll li jiżdiedu l-miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi u l-abbuż fis-sistemi nazzjonali tal-benefiċċji tal-qgħad***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali***, volontarja u bl-ordni, tista' tagħti prova li hi neċessarja*** biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u ***tista' tifforma*** parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

Or. fr

Emenda 128
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***x'aktarx*** ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. ***Għalhekk,*** il-migrazzjoni legali ***hija essenzjali biex*** tikkomplementa dawk l-	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità ***ewlenija***, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol ***permezz ta' inċentivi ġodda għax-xogħol***, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***jistgħu*** ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ***ta' ħiliet fir-rigward tal-***

azzjonijiet u ***trid*** tkun parti mis-soluzzjoni biex ***tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni*** doppja.

professjonijiet b'livell għoli ta' ħiliet. Il-migrazzjoni legali ***b'livell għoli ta' ħiliet tista'*** tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u tkun parti mis-soluzzjoni biex ***issaħħaħ il-kompetittività Ewropea u tappoġġa t-tranżizzjoni*** doppja.

Or. en

Emenda 129
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema ***jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità,*** l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, ***l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE,*** kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. ***Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja***.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema ***huwa sfida multidimensjonal kumplessa, li s-soluzzjonijiet għaliha għandhom jinkludu*** l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. ***Id-determinazzjoni tal-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jingħataw permess ta' residenza bħala impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom hija kompetenza nazzjonali. Għalhekk, għandu jkun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jipparteċipawx fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jew le, u huwa importanti li tiġi rispettata d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-inizjattivi tal-UE dejjem jitfasslu b'tali mod li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-għodod eżistenti***.

Or. sv

Emenda 130
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, ***l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE,*** kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri ***li jimmiraw*** lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni ***weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet*** eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet***. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja***.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri ***mmirati mhux biss*** lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni ***iżda wkoll lejn il-migrazzjoni legali biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet*** eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet***, jirrikjedu, bħala prijorità, l-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet fl-Unjoni, li jikkontribwixxu għall-produttività tal-popolazzjoni eżistenti tal-Istati Membri***.

Or. el

Emenda 131
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta'	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta'

ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. ***Għalhekk,*** il-migrazzjoni legali ***hija essenzjali biex*** tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u ***trid*** tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.	ċerti ***okkupazzjonijiet***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Il-migrazzjoni legali ***tista'*** tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u tkun parti mis-soluzzjoni biex ***issaħħaħ il-kompetittività Ewropea u*** tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.
	Or. en

Emenda 132
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, ***il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja***.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, ***u bil-ħsieb li jiġi miġġieled il-qgħad strutturali filwaqt li jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE, huwa vitali li jsir investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħaddiema tal-UE u li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol biex l-okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema jsiru aktar attraenti***.
	Or. fr

Emenda 133
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ ***it-tranżizzjoni doppja***.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ ***it-tranżizzjonijiet nodfa u diġitali***.

Or. fi

Emenda 134
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar ***tan-nuqqas*** ta' ħaddiema jeħtieġ ***approċċ komprensiv fil-livell*** nazzjonali ***u tal-Unjoni li jinkludi***, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ***ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar***	(2) L-indirizzar ***tan-nuqqasijiet possibbli*** ta' ħaddiema jeħtieġ ***strateġija*** nazzjonali ***li tinkludi***, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ***tal-popolazzjoni tan-nazzjon stess, iżda wkoll***

baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

il-ħsieb futur u t-tisħiħ tal-pożizzjoni legali, ekonomika u morali tal-familja. Barra minn hekk, il-problema tal-migrazzjoni mhux ikkontrollata trid tissolva minħabba li naqqset il-benesseri tan-nazzjonijiet u ħolqot ostakli bla limitu għat-tkabbir tal-prosperità, peress li soċjetajiet li qabel kienu omoġenji qed isiru dejjem aktar frammentati, mhux siguri u kompletament imprevedibbli. Għalhekk, l-immigranti illegali jeħtiġilhom ikunu miċħuda d-dħul; l-immigranti illegali jeħtiġilhom jinżammu f'detenzjoni u mbagħad jiġu deportati; l-assistenza kollha lill-migranti illegali trid tiġi kriminalizzata; il-migranti li jonqsu li jadattaw wara ħames sa għaxar snin jeħtiġilhom jiġu deportati; il-migranti li jwettqu reati kriminali jeħtiġilhom jitilfu ċ-ċittadinanza tagħhom u jiġu deportati, flimkien mal-familji tagħhom - riunifikazzjoni tal-familja inversa.

Or. sv

Emenda 135
Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar ***tan-nuqqas*** ta' ħaddiema ***jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità*** tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll ***it-titjib tal-kundizzjonijiet*** tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol***	(2) L-indirizzar ***tan-nuqqasijiet*** ta' ħaddiema ***u l-iżgurar tal-futur tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jirrikjedu strateġiji nazzjonali biex jappoġġaw lill-familji sabiex ir-rati tal-fertilità jingħataw spinta. Biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet immedjati ta' ħaddiema, huwa importanti li tiġi ffaċilitata l-mobilità*** tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll ***li jittejbu l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet. Strument volontarju u temporanju biex jattira ħaddiema b'livell għoli*** ta' ħiliet ***minn pajjiżi terzi jista'***

domestika u tal-Unjoni weħidhom x'aktarx ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet***. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja***.	***jindirizza nuqqasijiet immirati, fost l-oħrajn, fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda***.

Or. en

Emenda 136
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***impjiegi***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***x'aktarx ma jkunux*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti ***okkupazzjonijiet***. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***mhumiex se jkunu*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

Or. en

Emenda 137
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fl-Istati Membri, huwa essenzjali li jitnaqqsu l-piżijiet u l-burokrazija li jtaqqlu lill-intrapriżi tal-UE, jiġi promoss il-valur tax-xogħol u jiġu ssimplifikati r-regoli li jxekklu r-reklutaġġ. Dawn il-miżuri jridu jimxu id f'id ma' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar fl-okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema biex isiru aktar attraenti.

Or. fr

Emenda 138
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex ***jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ*** internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu ***f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha***, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha ***li tiġbor flimkien u tappoġġa*** t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***residenti barra mill-Unjoni*** u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex ***tissaħħaħ l-attraenza tal-Unjoni għat-talent*** internazzjonali***, jiġu ffaċilitati l-mobilità tal-ħaddiema u r-reklutaġġ internazzjonali,*** u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu ***fl-UE***, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma ***faċli għall-utent*** għall-Unjoni kollha***. Jenħtieġ li l-pjattaforma tgħaqqad lill-ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-impjegaturi fl-Unjoni billi tippermetti*** t-tqabbil ***effiċjenti*** tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li trawwem kollaborazzjoni aktar b'saħħitha fost l-Istati Membri dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema. L-implimentazzjoni tagħha se***

tkun obbligatorja għall-Istati Membri iżda l-użu tagħha se jkun volontarju għall-impjegaturi u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 139
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni ***rreġistrati*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ***b'livell għoli ta' ħiliet*** biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE***, li fiha jistgħu jipparteċipaw l-Istati Membri b'mod volontarju,*** fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni ***b'livell għoli ta' ħiliet irreġistrati*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 140
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet

nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha ***li*** tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	***neqsin*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha***. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fil-pjattaforma tkun obbligatorja għall-Istati Membri iżda l-użu tagħha jenħtieġ li jkun volontarju għall-impjegaturi u l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-pjattaforma*** tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.
	Or. en

Emenda 141
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Sabiex jiġi ffaċilitat*** ir-reklutaġġ internazzjonali ***u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***.	(3) Ir-reklutaġġ internazzjonali ***huwa xi ħaġa li l-kumpaniji jistgħu jħallsu għaliha u jorganizzaw huma nfushom. Il-migrazzjoni limitata tal-ħaddiema mingħajr dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja u r-risistemazzjoni għandha tkun in-norma fl-UE, iżda din hija kwistjoni li kull Stat Membru għandu jiddeċiedi dwarha***.
	Or. sv

Emenda 142
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex ***jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita*** Riżerva ta' Talent tal-UE ***fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha*** li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex ***jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema f'setturi tal-UE meta jkun ġie identifikat nuqqas ta' ħaddiema, jenħtieġ li l-ewwel nett l-Unjoni timplimenta politiki li jagħmlu użu aħjar mill-forza tax-xogħol domestika tal-Unjoni, u t-tieni toħloq*** Riżerva ta' Talent tal-UE ***għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li hija obbligatorja għall-Istati Membri u*** li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. el

Emenda 143
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***nieqsa*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha ***li*** tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***neqsin*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha***, li l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu jekk iridux jissieħbu fiha jew le, liema pjattaforma*** tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 144
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ***ta'*** pajjiżi terzi biex ***jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ***bi kwalifiki għolja minn*** pajjiżi terzi biex ***jiġu indirizzati l-okkupazzjonijiet neqsin*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE ***temporanja*** fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 145
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra

mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi ***parteċipanti*** stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. fr

Emenda 146
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***nieqsa*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***residenti barra mill-Unjoni*** u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***neqsin*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 147
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***nieqsa*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***neqsin*** mill-ħaddiema fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha li tiġbor flimkien u tappoġġa

t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***residenti barra mill-Unjoni*** u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

t-tqabbil tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 148
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE biex sal-2050 tintlaħaq in-newtralità klimatika u tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, b'mod partikolari l-Għan 1 biex jiġi eradikat il-faqar, l-Għan 5 biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha, l-Għan 8 biex jiġi promoss tkabbir ekonomiku sostnut, inklużiv u sostenibbli, impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd u l-Għan 10 biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fi ħdan u bejn il-pajjiżi.

Or. en

Emenda 149
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(3a) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tippromwovi prattiki ta' reklutaġġ ġusti u etiċi li jqisu l-ħtiġijiet ta' żvilupp**

ta' pajjiżi terzi u jkollhom l-għan li jipprevjenu l-eżodu ta' mħuħ f'setturi kritiċi. Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi implimentata b'mod li jtaffi l-impatti negattivi potenzjali fuq l-iżvilupp ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari billi jiġi evitat it-tnaqqis tal-ħiliet kritiċi f'setturi essenzjali għall-progress soċjoekonomiku tagħhom.

Or. en

Emenda 150
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jenħtieġ li t-terminu "impjegatur" ma jkunx definit f'dan ir-Regolament u mhux meħtieġ li jiġi definit fih. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-aġenziji privati tal-impjiegi, l-aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji oħra tas-suq tax-xogħol li jkunu jistgħu jaċċessaw ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu atturi tas-suq tax-xogħol fis-sens ta' "entitajiet parteċipanti oħra" ħdejn "impjegaturi parteċipanti".

Or. en

Emenda 151
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Jenħtieġ li t-terminu "impjegatur" ma jkunx definit f'dan ir-Regolament u mhux meħtieġ li jiġi definit fih. Jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-aġenziji privati tal-impjiegi, l-aġenziji tax-xogħol temporanju

u intermedjarji oħra tas-suq tax-xogħol li jkunu jistgħu jaċċessaw ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu atturi tas-suq tax-xogħol fis-sens ta' "entitajiet parteċipanti oħra" ħdejn "impjegaturi parteċipanti".

Or. en

Emenda 152
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Ir-reklutaġġ internazzjonali jrid ikun soġġett għal monitoraġġ u kwoti annwali, stabbiliti fil-livell nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet l-aktar urġenti tas-suq tax-xogħol.

Or. fr

Emenda 153
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Minkejja li n-nisa jiffurmaw parti sinifikanti minn għadd ta' setturi kruċjali, in-nisa mobbli u migranti jistgħu jkunu soġġetti għal impjiegi mhux sikuri u għall-ekonomija informali u spiss ikunu partikolarment vulnerabbli għad-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg u taħriġ, kif ukoll ikunu esposti għal abbuż, vjolenza u fastidju. Jenħtieġ li l-Istati Membri jintegraw il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u jadottaw approċċ trasformattiv mill-perspettiva tal-ġeneru, inkluża paga ugwali għal xogħol ta' valur

ugwali.

Or. en

Emenda 154
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tiżgura li l-ħaddiema migranti reklutati permezz ta' din il-pjattaforma jgawdu l-istess drittijiet, kundizzjonijiet tax-xogħol, u protezzjonijiet soċjali bħaċ-ċittadini tal-UE, f'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali. Jenħtieġ li tiffaċilita xogħol deċenti u trattament ugwali għall-ħaddiema kollha f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus tal-immigrazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 155
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Ir-reklutaġġ internazzjonali m'għandux iċaħħad lill-pajjiżi ta' oriġini mill-ħiliet li jeħtieġu għat-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom.

Or. fr

Emenda 156
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4] tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.	***imħassar***

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.

[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.

Or. fr

Emenda 157
Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4] tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.	***imħassar***

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.

[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.

Or. en

Emenda 158
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4]tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.	***imħassar***
[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.	
[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.	

Or. sv

Emenda 159
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4]tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.	(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4] tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tappoġġa wkoll l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari***, li jirrikjedu valutazzjoni tal-impatt soċjali u ekonomiku u rapporti ta' evalwazzjoni li għandhom jitfasslu perjodikament fl-Istati Membri***.
[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.	[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.
[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll***:*** https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.	[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.

Or. el

Emenda 160
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri ***parteċipanti*** biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. ***Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati.*** Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata ***l-usa' parteċipazzjoni*** possibbli***. B'hekk,*** "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

(5) ***Peress li n-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma problema għall-Unjoni kollha, huwa meħtieġ approċċ strateġiku u unifikat sabiex dan jiġi indirizzat. Biex isir użu mill-ekonomiji ta' skala u tiġi permessa l-kondivižjoni tal-aħjar prattiki, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-implimentazzjoni fl-UE kollha tikkontribwixxi wkoll għal aktar prevedibbiltà u ċertezza legali kemm għall-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegaturi.*** Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti***, filwaqt li l-istrutturi nazzjonali eżistenti ma jiġux sostitwiti***. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata ***l-aktar implimentazzjoni ta' suċċess*** possibbli ***billi, pereżempju, ma tiġix affettwata l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu ammessi għall-finijiet ta' impjieg.*** "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri. ***Biex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' gwadanji reċiproċi kemm għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-UE u l-Istati Membri tagħha, jiġi indirizzat l-eżodu ta' mħuħ u titħeġġeġ il-migrazzjoni ċirkolari, jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji ma' programmi edukattivi ffinanzjati mill-UE f'pajjiżi terzi, bħas-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni, il-fond "Education Cannot Wait" u l-programm Erasmus+ u interventi oħra tal-VET u tal-iżvilupp tal-***

ħiliet skont Global Gateway.

Or. en

Emenda 161
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri ***parteċipanti*** biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. ***Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ*** internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE ***toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan***, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti***.*** Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli***. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.	(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. ***Biex tissaħħaħ l-attraenza tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u tal-Unjoni għat-talent*** internazzjonali ***u biex jiġi żgurat approċċ unifikat għall-migrazzjoni tal-ħaddiema***, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE ***tiġi implimentata mill-Istati Membri kollha. L-implimentazzjoni fl-UE kollha se tikkontribwixxi wkoll għal prevedibbiltà akbar u ċertezza legali kemm għall-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegaturi. Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri***, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti ***u*** jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet ***u l-kompetenzi tal-persuni li qed ifittxu impjieg*** li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 162
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ***ta'*** pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika ***u l-mobilità*** intra-UE ***ma jkunux*** biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li ***r-Riżerva*** ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. ***B'hekk,*** "Talent" huwa terminu ***komprensiv*** li jirreferi ***għall-firxa sħiħa*** ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.	(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ***b'livell għoli ta' ħiliet minn*** pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika***, permezz ta' inċentivi mtejba, titjib tal-ħiliet u mobilità*** intra-UE***, jirriżulta li ma tkunx*** biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, ***li*** jenħtieġ li ***d-deċiżjoni dwar l-użu tagħha titħalla f'idejn l-Istati Membri, ir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE ***jenħtieġ li*** toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. "Talent" huwa terminu li jirreferi ***għaċ-ċittadini b'livell għoli*** ta' ħiliet ***minn pajjiżi terzi*** li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 163
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw ***in-nuqqasijiet*** eżistenti u ***futuri*** ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa ***volontarjament*** lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw ***kwalunkwe nuqqas*** eżistenti u ***futur*** ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***f'setturi speċifiċi u skont il-livell tal-ħiliet tagħhom***, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet ***u l-karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u tax-xogħol*** speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

Or. el

Emenda 164
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***, sa*** fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda	(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***fil-każijiet biss*** fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda

volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi ***nazzjonali eżistenti***. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.	volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi ***eżistenti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.
	Or. fr

Emenda 165
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda ***volontarja*** biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent"	(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bħala għodda ***obbligatorja*** biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata l-usa' parteċipazzjoni possibbli. B'hekk, "Talent"

huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.	huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 166
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Is-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), li jipprovdu informazzjoni, pariri u reklutaġġ jew kollokament għall-benefiċċju ta' ħaddiema u impjegaturi madwar l-Unjoni, jista' jkollhom rwol sinifikanti fil-pubblikazzjoni ta' pożizzjonijiet tax-xogħol vakanti bl-għan li jattiraw ħaddiema minn Stati Membri oħra. Għalhekk jenħtieġ li l-EURES jintużaw biex jimtlew il-pożizzjonijiet tax-xogħol vakanti qabel ma tintuża r-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 167
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Bl-istess mod, bħala għodda volontarja, huwa meħtieġ li jiġi rregolat id-dritt tal-Istati Membri li jirtiraw mir-Riżerva ta' Talent, b'mod ordnat u bi skeda ta' żmien xierqa, u għalhekk mingħajr ma jiġu mfixkla l-funzjonament ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u d-drittijiet tal-Istati Membri parteċipanti l-

oħra.

Or. en

Emenda 168
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tiżgura li n-nuqqasijiet ta' ħaddiema fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u settorjali jiġu identifikati b'mod trasparenti u f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali fil-livelli kollha filwaqt li jitqiesu l-ixprunaturi u l-kawżi ewlenin tagħhom.

Or. en

Emenda 169
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi ***parteċipanti*** li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997. ***Impjegatur parteċipanti huwa impjegatur li l-postijiet tax-xogħol vakanti tiegħu jintwerew fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur. Ladarba dawn il-postijiet vakanti jitneħħew mill-***

	pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-impjegatur ma jibqax jitqies bħala impjegatur parteċipanti. Korpi parteċipanti oħra jistgħu jiġu inklużi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE (aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol) u huma soġġetti għall-istess arranġamenti bħall-impjegaturi parteċipanti.

Or. fr

Emenda 170
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li ***huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997***.	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li ***ġenwinament iwettqu attivitajiet sostanzjali fit-territorju tal-Istati Membri parteċipanti***.

Or. en

Emenda 171
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi ***liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu xogħol f'okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha u*** lill-impjegaturi li

temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.	huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Or. en

Emenda 172
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi ***liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu xogħol f'okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha u*** lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Or. en

Emenda 173
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181***	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti ***u li ġenwinament iwettqu attivitajiet ekonomiċi sostanzjali f'dak l-Istat Membru***.

tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Or. en

Emenda 174
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi ***li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol*** kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi ***u lill-intermedjarji*** kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997 ***li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***.

Or. en

Emenda 175
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri ***parteċipanti***, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi ***mingħajr ħlas*** lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mill-1997.

Or. en

Emenda 176
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex jiġi ddeterminat jekk impjegatur iwettaqx ġenwinament attivitajiet sostanzjali fl-Istat Membru parteċipanti li fih huwa stabbilit u meta jkollu l-ħsieb li jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi fattwali kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet tiegħu, sabiex jiġi vverifikat li l-attivitajiet ordinarji ta' negozju, sa punt sinifikanti, jitwettqu fis-setturi rilevanti tal-impjieġ, jiġifieri lil hinn mill-attivitajiet ta' għażla, reklutaġġ u assenjazzjoni ta' xogħol.

Or. en

Emenda 177
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

[6] COM/2020/609 final.

[7] COM/2022/657 final.

Or. sv

Emenda 178
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa ***wkoll*** l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6]u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. ***Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.***	(7) ***Sħubijiet b'saħħithom ma' pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għal kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp, f'konformità mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' fiduċja reċiproka u kisbiet għall-pajjiżi terzi, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li s-sħubijiet joffru perkorsi legali sempliċi, koerenti u komprensibbli lejn l-Unjoni, li jippermettu possibbiltajiet ta' dħul mill-ġdid li jistgħu jiġu ffaċilitati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jħeġġu l-migrazzjoni ċirkolari għall-benefiċċji tagħha b'rabta mal-iżvilupp għall-pajjiżi tal-oriġini, inkluż permezz ta' trasferimenti tal-ħiliet u tal-għarfien u ta' rimessi. Il-pajjiżi terzi jeħtiġilhom ikunu jistgħu joħolqu b'mod konġunt sħubijiet ugwali. Il-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni trid dejjem tkun iggwidata mir-rispett għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem.*** Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7].
[6] COM/2020/609 final.	[6] COM/2020/609 final.
[7] COM/2022/657 final.	[7] COM/2022/657 final.

Or. en

Emenda 179
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6]u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. ***Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.***	(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7].
[6] COM/2020/609 final.	[6] COM/2020/609 final.
[7] COM/2022/657 final.	[7] COM/2022/657 final.

Or. en

Emenda 180
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6]u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7].	(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent ***u ta' qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz***, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-

Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.
[6] COM/2020/609 final.	[6] COM/2020/609 final.
[7] COM/2022/657 final.	[7] COM/2022/657 final.

Or. en

Emenda 181
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ***ewlenin*** tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[6]u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.	(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7]. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' Stat Membru fis-Sħubija ta' Talent tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.
[6] COM/2020/609 final**.**	[6] COM/2020/609 final
[7] COM/2022/657 final.	[7] COM/2022/657 final.

Or. fr

Emenda 182
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni.	(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni. ***Biex tiġi żgurata r-rappreżentanza tal-komunitajiet migranti li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent, jenħtieġ li r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili jipparteċipaw ukoll fil-Grupp ta' Tmexxija, filwaqt li jistgħu jiġu mistiedna Organizzazzjonijiet Internazzjonali rilevanti.***

Or. en

Emenda 183
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni.	(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri parteċipanti jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni. ***Jenħtieġ li tiġi żgurata rappreżentanza adegwata tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi fil-livell tal-UE.***

Or. en

Emenda 184
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġi żgurat li ***l-awtoritajiet tal-Istati*** Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed***, wieħed mill-awtoritajiet*** tal-impjiegi u ***wieħed mill-awtoritajiet tal-immigrazzjoni***.	(8) Sabiex jiġi żgurat li ***l-Istati*** Membri ***kollha*** jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed***. Huwa importanti li s-sinerġiji bejn l-awtoritajiet*** tal-impjiegi u ***tal-immigrazzjoni jiġu rikonoxxuti u promossi sabiex jitjieb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.

Or. en

Emenda 185
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) It-trade unions għandhom rwol kruċjali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-Unjoni, fis-salvagwardja tal-interessi kemm tal-ħaddiema migranti kif ukoll tal-forza tax-xogħol eżistenti, u fil-prevenzjoni tal-isfruttament potenzjali jew fl-imminar tal-istandards tax-xogħol. Sabiex jiġi żgurat l-involviment tagħhom fil-governanza tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li erba' rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali transindustrijali u settorjali fil-livell tal-Unjoni, maħtura minn dawk l-organizzazzjonijiet, b'rappreżentanza ugwali ta' trade unions u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, ikunu membri attivi tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-

pajjiżi terzi kkonċernati mir-Riżerva ta' Talent tal-UE kif ukoll it-trade unions f'dawk il-pajjiżi jkunu rrappreżentati wkoll u jgawdu minn status ta' osservaturi.

Or. en

Emenda 186
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikun irrappreżentat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mingħajr ma jkollu setgħa li jieħu deċiżjonijiet. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Parlament ikun intitolat li jaħtar żewġ esperti bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 187
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluż il-mezz ikkoordinat uniku*** u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti	(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inklużi l-pjattaforma tal-IT komuni*** u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti

rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". ***Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-infrastruttura relatata tagħha jkunu mfassla biex ikunu faċli għall-utent, aċċessibli u inklużivi, filwaqt li jiġu żgurati l-effiċjenza u l-użabbiltà għall-partijiet ikkonċernati kollha.***

Or. en

Emenda 188
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES ***tista'*** terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluż il-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. ***Jenħtieġ li*** l-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inklużi l-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 189
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT	(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT

eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES ***tista'*** terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluż il-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. ***Jenħtieġ li*** l-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inklużi l-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 190
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluż il-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***".	(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inklużi l-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent".

Or. en

Emenda 191
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT	(9) Jenħtieġ li tiġi żviluppata pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE billi tintuża l-infrastruttura tal-IT

eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluż il-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***".	eżistenti tal-Kummissjoni sa fejn ikun possibbli. L-infrastruttura tal-IT żviluppata fil-qafas tal-EURES tista' terġa' tintuża parzjalment għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***inkluži l-mezz*** ikkoordinat uniku u l-għodda awtomatizzata ta' tqabbil bl-adattamenti rilevanti, inkluż biex jitqies kif xieraq il-"permess tas-Sħubija ta' Talent".
	Or. en

Emenda 192
Ioan-Rareş Bogdan

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal ***materjali*** ta' taħriġ ***bħall-Akkademja*** tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi.	(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward ***tal-iffaċilitar*** tal-aċċess għal ***riżorsi*** ta' taħriġ ***siewja bħal dawk offruti mill-Akkademja*** tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi. ***Dan se jtejjeb il-funzjonalità tal-pjattaforma, l-esperjenza tal-utenti u l-kapaċità li l-ħtiġijiet li qed jevolvu jiġu ssodisfati b'mod effiċjenti u effettiv.***
	Or. en

Emenda 193
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi.	(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli ***u għal għodod għat-tfassil ta' profili tal-ħiliet bħall-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet għaċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi***. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi.

Or. en

Emenda 194
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8]li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif	(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8] li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki***, jew bl-użu ta' sistema flessibli u adattabli li tqis il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u tax-xogħol speċifiċi ta' kull Stat Membru***. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta'

ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.	Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.
[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1)***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).	[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1)***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).
	Or. el

Emenda 195
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif prevista fir-Regolament (UE) 2016/589[8]li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.	(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif prevista fir-Regolament (UE) 2016/589[8] li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi ***parteċipanti*** u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi ***parteċipanti***, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.
[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u	[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u

integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1)***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).

integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).

Or. fr

Emenda 196
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8]li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, ***l-impjiegi*** koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO	(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8] li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, ***l-okkupazzjonijiet*** koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u l-impjegaturi verifikati*** jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi

biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

---

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1)***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. ***1***, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).

Or. en

Emenda 197
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Biex titjieb il-kwalità tal-proċess ta' tqabbil, jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg ikunu jistgħu jitolbu skrinjar preliminari inizjali tal-kwalifiki u tal-ħiliet. Jenħtieġ li s-Segretarjat u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jingħataw il-kompitu li jistabbilixxu proċess mhux vinkolanti ta' skrinjar preliminari. Fuq talba tal-persuni li qed ifittxu impjieg, partijiet terzi verifikati jistgħu wkoll jipprovdu skrinjar preliminari mhux vinkolanti tal-kwalifiki u tal-ħiliet. Biex tkompli tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg jibnu profili komprensivi u jtejbu l-possibbiltà ta'

tqabbil b'suċċess, jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tintegra l-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet, li jista' jkollha rwol ewlieni fl-immappjar tal-ħiliet, filwaqt li tipprovdi gwida dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u tiżgura li l-persuni internazzjonali li qed ifittxu impjieg ikunu mħejjija aħjar biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE. Barra minn hekk, il-persuni li qed ifittxu impjieg jistgħu jitolbu l-użu tas-servizzi ta' valutazzjoni tan-network ENIC-NARIC permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex id-diplomi tagħhom jiġu vvalutati għall-komparabbiltà mal-pajjiżi magħżula tal-UE.

Or. en

Emenda 198
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE trawwem kooperazzjoni aktar b'saħħitha fost l-Istati Membri dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema, inkluż fil-validazzjoni tal-ħiliet u tal-kwalifiki barranin. Għal dan l-għan, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tinkludi Qafas ta' Referenza Standardizzat biex jiġi ffaċilitat skrinjar preliminari konsistenti u effiċjenti tal-ħiliet u tal-kwalifiki madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jkun responsabbli għall-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-Qafas ta' Referenza Standardizzat. Fi żmien tliet snin mill-istabbiliment tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE joħroġ kredenzjali edukattivi u valutazzjoni tal-ħiliet mhux vinkolanti għall-okkupazzjonijiet kollha

elenkati fil-listi nazzjonali u fl-UE kollha ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema. Dawn se jservu bħala l-pedament tal-Qafas ta' Referenza Standardizzat, li jippermetti proċessi ta' skrinjar simplifikati u aktar rapidi.

Or. en

Emenda 199
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Jenħtieġ li l-impjegaturi li jixtiequ jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jiġu rreġistrati qabel ma l-postijiet vakanti tagħhom isiru disponibbli permezz tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Qabel ma l-impjegaturi jiġu rreġistrati, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu l-verifiki meħtieġa fuq dawk l-impjegaturi sabiex jiżguraw li jikkonformaw mal-liġi u l-prattika rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi l-ftehimiet kollettivi applikabbli, biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust, kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati u nondiskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 200
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi	(14) Jenħtieġ li ***r-reġistrazzjoni ta' profil u t-tiftix u l-pubblikazzjoni ta'***

jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestrinġu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ***ta' impjegaturi*** li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ***ntużawx*** għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

postijiet vakanti rispettivament jkunu mingħajr ħlas kemm għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi kif ukoll għall-impjegaturi. Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestrinġu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ***tal-impjegaturi*** li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ***jkunux intużaw*** għal perjodu ta' sentejn ***u dawk tal-impjegaturi li ma jkunux intużaw għal perjodu ta' tliet snin*** jitneħħew awtomatikament. ***Jenħtieġ li sid il-profil jiġi nnotifikat dwar it-tneħħija mhux aktar tard minn xahar qabel.*** Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea ***f'konformità mal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament. Għall-profili ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg, data dwar in-nazzjonalità, l-okkupazzjoni mixtieqa jew dik attwali, il-pussess ta' permess tas-Sħubija ta' Talent, il-perjodu ta' żmien li matulu l-profil ġie rreġistrat fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-għadd ta' żjarat fuq il-pjattaforma, l-għadd ta' konkordanzi mal-impjegaturi, u l-għadd ta' kollokamenti f'impjieg iffaċilitati jistgħu jinħażnu. Għall-profili tal-impjegaturi, id-data dwar l-Istat Membru li jkunu bbażati fih, is-settur, l-għadd ta' żjarat fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-għadd ta' konkordanzi ma' persuni li qed ifittxu impjieg, u l-għadd ta' kollokamenti f'impjieg iffaċilitati jistgħu jinħażnu***.

Or. en

Emenda 201

Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.	(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' sentejn jitneħħew awtomatikament. ***Jenħtieġ li l-persuni kkonċernati li qed ifittxu impjieg jiġu infurmati xahrejn qabel it-tneħħija tal-profili li l-profili tagħhom se jitneħħew jekk il-profil ma jkunx aċċessat matul dak il-perjodu. Jenħtieġ li l-profili jew il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi rreġistrati li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' sentejn mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u jenħtieġ li ma tinħażen l-ebda data personali. Jenħtieġ li l-impjegaturi kkonċernati jiġu infurmati xahrejn qabel it-tneħħija tal-profil tagħhom li l-profili tagħhom għandhom jitneħħew jekk il-profil ma jkunx aċċessat matul dak il-perjodu.*** Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Or. en

Emenda 202
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***u ta' impjegaturi*** li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ***ntużawx*** għal perjodu ta' sentejn ***jitneħħew awtomatikament***. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika***,*** inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.	(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi***, tal-impjegaturi u tal-intermedjarji*** li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ***jkunux intużaw*** għal perjodu ta' sentejn ***jitħassru wara li l-utent jiġi infurmat kif xieraq, sakemm l-utent ma jikkontestax id-deċiżjoni u jaġġorna l-profil tiegħu***. Meta jitneħħew il-profili, ***jenħtieġ li d-data personali kollha titneħħa, filwaqt li*** sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika inkluż ***għat-titjib tal-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u*** għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea. ***Jenħtieġ li l-utenti jkollhom id-dritt jitolbu li l-profil u d-data personali tagħhom jitħassru fi kwalunkwe mument.***

Or. en

Emenda 203
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-	(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-

persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' ***sentejn*** jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.	persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' ***sitt xhur*** jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Or. sv

Emenda 204
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom li jinfurmaw lis-suġġetti tad-data dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ ukoll li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jinfurmaw lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom li jirrestriġu teknikament l-aċċess għad-data personali tagħhom u li jitolbu, fi kwalunkwe ħin, it-tħassir jew il-modifika tad-data personali tagħhom inkluża fil-profili tagħhom.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 205
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11]***, jenħtieġ li ma jitħallewx*** jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, ***jenħtieġ li l-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari ***u mingħajr sengħa***, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti ***għall-migranti tas-sengħa***. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE[11]***,*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ma għandhomx jitħallew*** jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, ***il-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***se*** jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. ***Barra minn hekk, meta jkunu qed iwettqu l-proċeduri tal-immigrazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jitwettqu l-kontrolli meħtieġa, speċjalment kontrolli tas-sigurtà, fil-bażijiet tad-data rilevanti nazzjonali u tal-UE, bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, li fiha allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex intitolati jidħlu jew jibqgħu fiż-żona Schengen. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tgħid li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz mhijiex garanzija li l-kontrolli tas-sigurtà jkunu twettqu.***

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. fr

Emenda 206
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta'*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. ***Matul il-proċeduri tal-immigrazzjoni mwettqa mill-Istati Membri, jistgħu jitwettqu l-verifiki meħtieġa fil-bażijiet tad-data***

nazzjonali u tal-UE rilevanti bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiżi terzi mhijiex garanzija li l-verifiki tas-sigurtà jkunu twettqu.

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 207
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa,	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa,

qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.	qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li***, sa fejn jafu huma,*** bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta'*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. ***Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tipprovdi informazzjoni dwar il-fatt li r-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE minn persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz mhijiex garanzija li l-verifiki tas-sigurtà jkunu diġà twettqu.***
[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).	[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 208
Lena Düpont, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma

jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir dikjarazzjoni falza*** f'dan ir-rigward.

jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***l-istess japplika fir-rigward tad-Direttiva (UE) 2017/541, u jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg ikunu meħtieġa jiddikjaraw ukoll li ma għandhom l-ebda assoċjazzjoni magħrufa ma' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/CFSP ("il-lista"). Jenħtieġ li*** tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta' dikjarazzjonijiet falzi*** f'dan ir-rigward.

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 209
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li ***tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari,*** inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li ***titħeġġeġ il-migrazzjoni regolari*** inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal

soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja ***jew amministrattiva*** li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[11]***, jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.

deċiżjoni ġudizzjarja ***attwali*** li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni ***attiva*** fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[35]***, jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ***ġudizzjarju*** ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta'*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. ***Wara l-iskadenza tad-deċiżjoni ġudizzjarja jew tal-projbizzjoni fuq id-dħul, jenħtieġ li l-persuna li qed tfittex impjieg tkun tista' tippreżenta talba ġdida biex tirreġistra profil fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.***

---

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 210
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li

tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess ***għall-perkorsi*** legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.

titħeġġeġ il-migrazzjoni legali billi tippromwovi r-reklutaġġ internazzjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-aċċess ***tagħhom għal perkorsi*** legali eżistenti ***u li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari billi tgħin biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha***. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta'*** dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. en

Emenda 211
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li ***tiskoraġġixxi*** l-migrazzjoni irregolari***, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ***jenħtieġ li*** ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux ***se*** jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li ***tiġi skoraġġuta*** l-migrazzjoni irregolari***.*** ***Jenħtieġ li l-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux ***ser*** jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.
[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).	[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. fr

Emenda 212
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li ***r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ***jenħtieġ li*** ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux ***se*** jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***biex issir*** dikjarazzjoni falza ***f'dan ir-rigward***.	(16) Jenħtieġ li ***l-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux ***ser*** jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, qabel ma jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi ***ta' dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward, u jenħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni bil-miktub biex dawn jinżammu u jirritornaw volontarjament jekk jinstab li jkunu għamlu*** dikjarazzjoni falza ***jew kisru l-liġi***.
[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).	[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

Or. sv

Emenda 213
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Sabiex jiġi promoss reklutaġġ ġust u jiġu evitati prattiki ta' sfruttament, jenħtieġ li l-impjegaturi u l-intermedjarji li jixtiequ jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu soġġetti wkoll għal ċerti kundizzjonijiet. Meta jirreġistraw profil fuq il-pjattaforma tal-IT, jenħtieġ li l-impjegaturi u l-intermedjarji jkunu meħtieġa jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom, in-numru ta' reġistrazzjoni legali, is-settur tal-attività u deskrizzjoni qasira tal-operazzjonijiet tagħhom. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur jew l-intermedjarju, bl-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, għandu l-kompitu li jiskrinja t-talba u jammetti l-profil fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.
	Or. en

Emenda 214
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Jekk ċerti Stati Membri jixtiequ jipparteċipaw fi pjattaforma ġdida ta' reklutaġġ tal-UE, iridu jiġu stabbiliti miżuri ta' sigurtà robusti biex jiġi prevenut l-aċċess minn ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jistgħu jheddu s-sigurtà tal-Istati Membri kollha. Dan irid jinkludi verifika fil-fond tal-istorja tal-kandidati, inklużi kontrolli tas-sigurtà u valutazzjoni tar-riskji potenzjali. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu involuti fl-istabbiliment ta' dawn il-miżuri biex jipproteġu s-sigurtà nazzjonali u tal-UE.
	Or. fr

Emenda 215
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Mar-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-impjegaturi jkunu meħtieġa jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom, inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija tagħhom, kif ukoll punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni responsabbli għar-Riżerva ta' Talent. Fil-proċess ta' reġistrazzjoni, jenħtieġ li l-impjegaturi jkunu meħtieġa wkoll jikkonfermaw l-impenn tagħhom għal reklutaġġ ġust u standards internazzjonali tax-xogħol.

Or. en

Emenda 216
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tinkludi mekkaniżmu għall-ilmenti li jippermetti lill-persuni li qed ifittxu impjieg u lill-ħaddiema ta' pajjiżi terzi impjegati permezz tal-pjattaforma jippreżentaw ilment kontra l-impjegaturi għal reklutaġġ illegali u prattiki abbużivi ta' impjieg. Jekk l-awtoritajiet nazzjonali jniedu investigazzjoni, jenħtieġ li l-impjegatur taħt investigazzjoni u l-postijiet vakanti assoċjati kollha jiġu sospiżi mir-Riżerva ta' Talent. Jenħtieġ li s-sejba ta' mġiba illegali mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tirriżulta fit-tkeċċija

tal-impjegaturi mir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 217
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12]li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.	(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jkunu jistgħu*** joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12] li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu ***mingħajr l-obbligu li jiġi inkluż xi ritratt*** u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed. ***Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar kif joħolqu profil. Meta applikabbli, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali pprovduti permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikunu disponibbli għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.***
[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).	[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).

Or. en

Emenda 218
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw ***il-funzjonalità*** tal-bini tal-profil tal-Europass[12]li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.	(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jkunu jistgħu*** joħolqu profil ***permezz ta' input manwali*** billi jużaw ***l-Għodda tal-UE għall-Profili tal-Ħiliet jew permezz tal-funzjonalità*** tal-bini tal-profil tal-Europass li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed. ***F'każijiet fejn il-persuni li qed ifittxu impjieg ma jkunux jistgħu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom b'mod indipendenti, jenħtieġ li l-partijiet terzi verifikati f'pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ fil-proċess ta' reġistrazzjoni, filwaqt li jiżguraw l-aċċessibbiltà u l-inklużività għall-parteċipanti potenzjali kollha.***

[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).

Or. en

Emenda 219
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ	(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ

jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12]***li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed***.	jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12]***, bil-kost minimu ta' EUR 10***.
[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).	[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).

Or. sv

Emenda 220
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12]***li tippermetti l-ħolqien ta'*** profil liberu u ***r-rapportar tal-ħiliet*** u l-kwalifiki rilevanti, u ***ta'*** esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.	(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12] ***li tippermettilhom joħolqu*** profil liberu u ***jindikaw il-ħiliet*** u l-kwalifiki rilevanti ***tagħhom***, u esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.
[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.***eu/eli/dec/2018/646/oj)***.	[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.***eu/eli/dir/2018/646/oj)***.

Or. en

Emenda 221
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Fejn meħtieġ,*** ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***jenħtieġ li*** jitwettqu fl-Istati Membri ***parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur*** f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali***, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.	(18) Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jitwettqu fl-Istati Membri f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali***. L-UE u l-istituzzjonijiet tagħha ma għandhom l-ebda dritt li jinterferixxu f'dan il-proċess***.

Or. sv

Emenda 222
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Fejn meħtieġ***, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent	(18) ***Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tippromwovi r-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-ħiliet miksuba barra mill-UE***, ***filwaqt li tiżgura li l-ħaddiema migranti jiġu impjegati u kkumpensati f'konformità mal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom.*** Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri

Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
	Or. en

Emenda 223
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri parteċipanti fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur ***parteċipanti*** f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.
	Or. fr

Emenda 224
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri ***parteċipanti*** fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri ***rilevanti*** fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 225
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri ***parteċipanti*** fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe	(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim

ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 226
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb,	***imħassar***

organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. sv

Emenda 227
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li ***l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija*** ta' Talent ***jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-	(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula ***jistgħu*** jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. ***Dan il-programm ta' żvilupp u validazzjoni tal-ħiliet*** jenħtieġ li ***jkun appoġġat finanzjarjament mill-Unjoni Ewropea jew integrat f'inizjattiva jew ftehim bilaterali ta' Stat Membru, flimkien mas-Sħubijiet*** ta' Talent***. Il-ħiliet miksuba jew ivvalidati fil-kuntest ta' dawn is-sħubijiet jenħtieġ li jiġu ċċertifikati skont il-proċeduri stabbiliti mill-Istati Membri li jagħżlu li jipparteċipaw fihom***. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb,

aċċess għal professjonijiet regolati.

organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. fr

Emenda 228
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-	(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent ***u skont linji gwida armonizzati li għandhom jinħarġu mill-Kummissjoni skont proċedura konsultattiva kif speċifikat fl-Artikolu 12(4) f'konformità mal-Artikolu 22(2)***, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-

aċċess għal professjonijiet regolati.

twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. en

Emenda 229
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***sabiex*** jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.	(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***biex*** jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. en

Emenda 230
Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.	(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. en

Emenda 231
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent ***tal-UE***" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.	(19) Fil-kuntest tas-Sħubijiet ta' Talent, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi magħżula jirċievu appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'qafas approvat mill-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u minn pajjiżi sħab. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkunu jistgħu jiffiltraw il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi sabiex jivviżwalizzaw dawk li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent". Dan jista' jħeġġeġ lill-impjegaturi joffru kollokament f'impjieg fl-Unjoni. L-Istati Membri, fil-qafas ta' Sħubija ta' Talent, jenħtieġ li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent" għall-fini tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż jekk jenħtieġx li l-awtorità nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, organizzazzjoni internazzjonali jew parti kkonċernata oħra jappoġġaw it-twettiq tagħha. Il-ħruġ ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent" huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali u Ewropej dwar l-aċċess għal professjonijiet regolati.

Or. en

Emenda 232
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(19a) Persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jirċievu wkoll appoġġ permezz ta' oqfsa nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz. Dawn l-oqfsa huma appoġġati finanzjarjament minn Stat Membru u/jew minn finanzjament tal-Unjoni barra mill-kuntest ta' Sħubija ta' Talent. Għalhekk, jenħtieġ ukoll li l-ħiliet żviluppati jew ivvalidati fl-oqfsa nazzjonali jiġu ċċertifikati mill-"permess tas-Sħubija ta' Talent" li huwa viżibbli fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 233
Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi u tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi Sħubijiet ta' Talent tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE flimkien ***mal-impjiegi*** rilevanti mmirati minn kull sħubija.	(20) Jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi u tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi Sħubijiet ta' Talent tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE flimkien ***mal-okkupazzjonijiet*** rilevanti mmirati minn kull sħubija. ***Għall-finijiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li dawk l-okkupazzjonijiet jeħtieġu kwalifiki jew ħiliet għoljin.***

Or. en

Emenda 234
Javier Moreno Sánchez

(33) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

---

[19] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

Emenda 305
Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

[19] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

Or. en

Emenda 306
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.**	***imħassar***

[19] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

Or. sv

Emenda 307
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].	***imħassar***
[20] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj.	

Or. sv

Emenda 308
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni tal-mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni u l-aġġornament ta' standards tekniċi għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ***l-proċedura ta'***	(35) Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni tal-mudelli għall-format tal-"permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni u l-aġġornament ta' standards tekniċi għall-iskambju tad-data, il-formati tad-data, il-formati tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-formati tal-profili għall-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ***jiġu adottati atti***

eżami tintuża wkoll għall-adozzjoni ta' standards tekniċi ***għall-adozzjoni tas-subkategoriji*** ta' data personali li għandhom jiġu pproċessati, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***delegati għall-istandards*** tekniċi ***għas-subkategoriji*** ta' data personali li għandhom jiġu pproċessati, ir-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-data, inklużi regoli li jirregolaw l-użu possibbli ta' proċessur jew proċessuri tad-data, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data personali u l-għażla disponibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg biex jirrestrinġu l-aċċess għad-data personali tagħhom fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 309
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol.	(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ***, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,*** fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 310
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol.	(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 311
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex ***tiffaċilita*** r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***residenti*** barra mill-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex ***tappoġġa*** r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***li joffru ħiliet speċjalizzati u għarfien espert immirat, u li jirrisjedu*** barra mill-Unjoni***, unikament għal dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu li jużawha. Din l-għodda għandha tintuża biss bħala soluzzjoni fakultattiva u temporanja għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidel il-ħin kollu. F'dan ir-rigward, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tagħti lill-Istati Membri żmien biex iħarrġu liċ-ċittadini tagħhom stess u***

jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw l-okkupazzjoni sħiħa fil-livell nazzjonali.

Or. fr

Emenda 312
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha ***biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***residenti barra mill-Unjoni***.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE***, bħala punt uniku ta' servizz*** disponibbli għall-Istati Membri kollha***, bl-objettivi li jissaħħu l-attraenza tal-Unjoni u l-mobbiltà tal-ħaddiema tat-talent ta' pajjiżi terzi, jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti fis-suq tax-xogħol, u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, billi jiġi ffaċilitat il-proċess ta' tqabbil bejn l-impjegaturi tal-UE u l-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 313
Nikolaos Anadiotis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri ***kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri ***parteċipanti volontarjament biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ, f'setturi speċifiċi,*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni***, skont il-livell tal-ħiliet tagħhom***.

Or. el

Emenda 314
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE ***temporanja*** disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni ***bi kwalifiki għolja*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 315
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg ***minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni***.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg***, li jkopru l-livelli kollha ta' ħiliet u kwalifiki, minn pajjiżi terzi***.

Or. en

Emenda 316
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE***, għodda fakultattiva*** disponibbli għall-Istati Membri kollha biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.

Or. fr

Emenda 317
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u impjegaturi;	(c) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ta' persuni ***bi kwalifiki għolja*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi***,*** u impjegaturi;

Or. en

Emenda 318
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent.	***imħassar***

Or. sv

Emenda 319
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent.	(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent ***jew qafas nazzjonali dwar l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet f'pajjiż terz***.

Or. en

Emenda 320
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent.	(d) il-faċilitazzjoni tar-reklutaġġ ta' persuni ***bi kwalifiki għolja*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn Sħubija ta' Talent.

Or. en

Emenda 321
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni li qed ifittxu impjieg li jużaw, użaw jew li ġew irreklutati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 322
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-protezzjoni tal-persuni li qed ifittxu impjieg u ħaddiema reklutati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Or. en

Emenda 323
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li qed ifittxu impjieg li jużaw jew li użaw ir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 324
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi legali għal pjattaforma faċli għall-utent, li tippermetti titjib tekniku kontinwu, biex titrawwem il-kollaborazzjoni u tinbena l-fiduċja fost l-

Istati Membri.

Or. en

Emenda 325
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti ***u li għandhom operazzjonijiet ta' negozju sostantivi f'dak l-Istat Membru. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tintuża għall-postijiet tax-xogħol vakanti u għar-reklutaġġ biss jekk post tax-xogħol vakanti ma jkunx jista' jimtela permezz ta' reklutaġġ fl-Unjoni bl-għajnuna ta' servizzi ta' impjieg nazzjonali jew tal-portal tal-EURES***.

Or. en

Emenda 326
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika ***għal persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti***.	1. Dan ir-Regolament ***għandu*** japplika ***għall-Istati Membri kollha, għall-persuni*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi***, għall-impjegaturi u għall-intermedjarji stabbiliti fl-Unjoni, u għall-pjattaformi ta' tqabbil ta' partijiet terzi li jipprovdu algoritmi ta' tqabbil awtomatiċi operati fuq il-pjattaforma***.

Or. en

Emenda 327
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans, Irena Joveva, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni ***irrispettivament mil-livell tal-kwalifiki tagħhom*** u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 328
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti ***għall-opportunitajiet ta' impjieg tagħhom ibbażati fl-UE***.

Or. en

Emenda 329
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ***huma residenti barra mill-Unjoni*** u	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ***jkopru l-livelli kollha ta' ħiliet u***

impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	***kwalifiki*** u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 330
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni ***bi kwalifiki għolja*** li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 331
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Parteċipazzjoni	
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	

2. L-informazzjoni dwar l-Istati Membri parteċipanti għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 332
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Parteċipazzjoni	
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	
2. L-informazzjoni dwar l-Istati Membri parteċipanti għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	

Or. en

Emenda 333
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Parteċipazzjoni	Parteċipazzjoni***, irtirar u waqfien***

Or. en

Emenda 334
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Parteċipazzjoni	Parteċipazzjoni***, irtirar u waqfien***

Or. en

Emenda 335
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***9*** xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent ma trid timponi ebda obbligu sabiex il-proċeduri nazzjonali tal-migrazzjoni tal-ħaddiema jiġu armonizzati jew sabiex gruppi okkupazzjonali speċifiċi jiġu rikonoxxuti.*** Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ***6*** xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 336
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jekk dak l-Istat ikun organizza referendum għal dak il-fini u r-riżultat kien pożittiv. Ir-referendum għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE***. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. sv

Emenda 337
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kwalunkwe*** Stat Membru ***jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li*** jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa.*** Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru ***jistgħu*** jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Stat Membru ***għandu*** jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru ***għandhom*** jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 338
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti ***f'dak l-Istat*** Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kwalunkwe Stat Membru jista'***, wara li jikkonsulta lis-sħab soċjali,*** jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti ***fl-Istat*** Membru ***kkonċernat*** jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 339
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, ***liberament u*** fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. fr

Emenda 340
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe Stat Membru parteċipanti jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni bid-data effettiva tal-irtirar. Minn dik id-data, kwalunkwe post tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru għandu jiġi rtirat mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 341
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-użu tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jrid ikun soġġett għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex il-ħaddiema tal-UE jitħarrġu, jiġi promoss ir-ritorn għall-okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema u jiġu integrati aħjar fis-suq tax-xogħol il-persuni nazzjonali li qed ifittxu impjieg.

Or. fr

Emenda 342
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jirtira mir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jtemm il-parteċipazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 343
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Stat Membru parteċipant jista' jiddeċiedi li jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu mir-Riżerva ta' Talent tal-UE fi kwalunkwe ħin. Huwa għandu jinnotifika tali deċiżjoni lill-Kummissjoni tal-inqas 6 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jirtira.

Or. en

Emenda 344
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex twaqqaf il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u r-Regolament fl-intier tiegħu jekk il-

minimu preżunt ta' 11-il Stat Membru ma jkunux saru parteċipanti ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament jew jekk il-monitoraġġ u r-rapportar sussegwenti skont l-Artikoli 20 u 23 jiddeterminaw li l-objettivi tar-Regolament ma jkunux ġew issodisfati biżżejjed u r-Riżerva ta' Talent tal-UE ma tkunx kosteffettiva.

Or. en

Emenda 345
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-aċċess għar-Riżerva ta' Talent tal-UE jrid ikun ristrett għall-Istati Membri b'livell għoli ta' qgħad, inkluż fost il-migranti li diġà huma stabbiliti f'dawk il-pajjiżi.

Or. fr

Emenda 346
Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex twaqqaf il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u r-Regolament fl-intier tiegħu jekk il-minimu preżunt ta' 11-il Stat Membru ma jkunux saru parteċipanti ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament jew jekk il-monitoraġġ u r-rapportar sussegwenti skont l-Artikoli 20 u 23 jiddeterminaw li l-objettivi tar-Regolament ma jkunux ġew issodisfati biżżejjed u r-Riżerva ta' Talent

tal-UE ma tkunx kosteffettiva.

Or. en

Emenda 347
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "Stati Membri parteċipanti" tfisser Stati Membri li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 348
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "Stati Membri parteċipanti" tfisser Stati Membri li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 349
Tom Vandendriessche, Petra Steger, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna ***residenti*** barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni	(2) "persuna ***bi kwalifiki għolja*** li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna ***li tirrisjedi*** barra mill-Unjoni li ma

skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE ***u*** li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;	hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE***,*** li qed tfittex impjieg fl-Unjoni***, u li għandha l-kwalifiki ta' edukazzjoni għolja jew il-ħiliet professjonali meħtieġa kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2021/1883***;

Or. en

Emenda 350
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;	(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna ***ta' età legali skont il-liġi nazzjonali,*** residenti ***fl-Unjoni jew*** barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 351
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;	(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna ***fiżika*** residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 352
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru parteċipanti taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas l-għadd ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati għall-minimu neċessarju, id-definizzjoni użata hawnhekk għandha tapplika b'mod konsistenti fit-test kollu biex tissostitwixxi "impjegatur".

Emenda 353
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru parteċipanti taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol;	***imħassar***

Or. en

Emenda 354
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser ***kwalunkwe*** persuna fiżika***, jew kwalunkwe*** entità ġuridika***, stabbilita fi*** Stat Membru parteċipanti taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg***, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi***, aġenziji ***tax-xogħol temporanju*** u intermedjarji tas-suq tax-xogħol;	(3) "impjegatur" tfisser persuna fiżika ***jew*** entità ġuridika ***li ġenwinament twettaq attivitajiet sostanzjali fit-territorju ta'*** Stat Membru parteċipanti ***li fih hija stabbilita u fejn il-persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz hija impjegata, u*** taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg***. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, l-aġenziji tax-xogħol temporanju, kif definit fl-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2008/104/KE***, aġenziji ***privati tal-impjiegi*** u intermedjarji tas-suq tax-xogħol ***għandhom jiġu esklużi***;

Or. en

Emenda 355
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, ***stabbilita*** fi Stat Membru ***parteċipanti*** taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg***, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol***;	(3) "impjegatur ***parteċipanti***" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, ***li topera legalment*** fi Stat Membru taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg;

Or. en

Emenda 356
Johan Danielsson, Evin Incir

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru parteċipanti ***taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol***;	(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru parteċipanti ***li għandha operazzjonijiet ta' negozju sostantivi li ma jkunux biss purament attivitajiet ta' ġestjoni jew ta' amministrazzjoni interni u li għandha jew biħsiebha jkollha relazzjoni ta' impjieg diretta ma' persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz f'dak l-Istat Membru***;

Or. en

Emenda 357
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru parteċipanti taħt id-direzzjoni ***jew*** is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg***, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol***;	(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, ***inklużi aġenziji tax-xogħol temporanju,*** stabbilita fi Stat Membru parteċipanti***, għad-direzzjoni jew*** taħt id-direzzjoni ***u/jew*** is-superviżjoni ta' min isir l-impjieg;

Or. en

Emenda 358
Jan-Christoph Oetjen, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru ***parteċipanti*** taħt id-direzzjoni jew is-	(3) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika, jew kwalunkwe entità ġuridika, stabbilita fi Stat Membru taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' min isir l-

superviżjoni ta' min isir l-impjieg, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol;	impjieg, kif ukoll aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 359
Lena Düpont, Tomas Tobé, Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "impjegatur parteċipanti" tfisser impjegatur li l-postijiet tax-xogħol vakanti tiegħu jsiru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jitnaqqas l-għadd ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati għall-minimu neċessarju, id-definizzjoni użata hawnhekk għandha tapplika b'mod konsistenti fit-test kollu biex tissostitwixxi "impjegatur".

Emenda 360
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "intermedjarju" tfisser aġenzija privata tal-impjiegi jew intermedjarju tas-suq tax-xogħol li jopera legalment fi Stat Membru li jipprovdi servizzi għall-ħaddiema li qed ifittxu impjieg u għall-impjegaturi li jixtiequ jirreklutaw il-ħaddiema;

Or. en

Emenda 361
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "impjegatur parteċipanti" huwa impjegatur li l-postijiet tax-xogħol vakanti tiegħu jsiru disponibbli fuq il-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-impjegatur.

Or. en